**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

L-Erbgħa 11 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 73.1 Introduzzjoni

73.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.10hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

73.1.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill apoloġija mingħand is-Sur Massimo Scerri fejn qed jitlob biex il-Kunsill jiskużah għax ma setax jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet personali.

73.1.3 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 72 ta' 13 ta' Marzu 2018.

73.1.4 Korrezzjonijiet ma kienx hemm fuq il-minuti u fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Salvu Farrugia minuti nr 72 tat-13 ta' Marzu 2018 ġew approvati unanimament.

## 73.2 Punti mqajma mill-minuti

73.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ikkummentat fuq nr 72.3.30 fejn ir-residenta qalet li l-ewwel parti ta' Sqaq numru 1 Triq Annibale Preca mhuwiex privat imma it-tieni parti huwa.

73.2.2 Is-Sinjorina Farrugia qalet li l-isem tat-triq huwa għat-triq kollha.

### 73.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

73.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ppreżentat ittra li kienet waslet mingħand resident fl-aħħar tas-sena l-oħra b'xi talbiet li xtaq irressaq quddiem il-Kunsill.

73.3.2 Hija qalet li diġa kienu ssemmew xi punti fil-laqgħa preċedenti bħal l-sleeping policeman fi Vjal it-Trasfigurazzjoni fejn il-Kunsill ma' qabilx ma din it-talba.

73.3.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li flok sleeping policeman jekk il-Kunsill għandux jikkonsidra li tinxtara camera.

73.3.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li biex jinxtraw cameras iridu jiġu approvati minn Transport Malta l-ewwel.

73.3.5 Is-Sindku reġgħet tkellmet fuq l-istess ittra tar-resident rigward is-sitwazzjoni tal-bankini, l-kenniesa u fuq *traffic management.*

73.3.6 Dawn qegħdin naħdmu fuqhom speċjalment fuq *traffic management.*

73.3.7 Il-ħin huwa 5.20p.m. u l-laqgħa ġiet sospenduta peress li ġie residenti li xtaq jitkellem mal-Kunsill.

73.3.8 Huwa staqsa x'azzjoni ittieħded fuq ir-refreshing tat-double yellow lines quddiem garage fi Triq il-Forn fejn huwa qed jirrapreżenta lir-residenti kollha ta' din l-akkwata.

73.3.9 Is-Segretarju ppreżentat e-mail li ntbagħtet lis-Supretendent tal-Pulizija u r-risposta li irċevejna kienet biex is-surgent Karol jieħu ħsiebha.

73.3.10Irridu nerġgħu nibgħatu reminder lill-Pulizija fuq dan.

73.3.11Dan ir-resident qed iressaq ilment ieħor fejn qal li tpoġġiet qasrija fin-nofs ta' l-isqaq u li din għandha titneħħa.

73.3.12Il-Kunsill qabel li din titneħħa u għandha tintbagħat request lil TM peress li hemm huwa post pubbliku.

73.3.13 Ir-resident qed jesiġi li din għandha titneħħa fi żmien xahar.

73.3.14Lil dan ir-resident, il-Kunsill qallu li hemm problema tal-ħwat fir-raħal allura qed iħalli f'idejn it-TM biex jitneħħew u l-ispejjes iħallashom il-Kunsill.

73.3.15Il-Kunsill iddeċieda li għalkemm hija responsabbilta tal-Kunsill għandu jieħu azzjoni immedjata u jibagħat lil TM biex din il qasrija titneħħa minnhom.

73.3.16 Dan ir-resident ressaq ilment ieħor fuq karozza Maruti ħadra 800 YOG100 li jista jkun li din għandha liċenzja mhiex imħallsa u imġedda.

73.3.17 Dan l-ilment għandu jitressaq għand il-Pulizija biex jiġi ċċekkjat li din il-karozza b'dan in-number plate għandiex liċenzja mħallsa.

73.3.18Il-ħin issa huwa 17.42p.m. u r-resident telaq mill-kamra tal-Kunsill u l-laqgħa tkompliet.

73.3.19Residenta qed tagħmel talba biex fi Triq Depiro Gourgion isiru cameras 'for surveillance'. Hija qed titlob dan għax f'din it-triq qed isiru affarijiet kontra l-liġi, eżempju f'ġimgħa xi ħadd ħaraq żewġ karozzi.

73.3.20 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li meta ġie ċċekkjat il-costings fuq il-cameras, ġejna nfurmati li l-Perit irid jagħmel site plan u anke ċertifikat qabel ma jiġu approvati mill-LESA.

73.3.21 Fuq din il-complaint, peress li l-Kunsill ma jistax jaffordja li jinstalla cameras iddeċieda li tintbagħat lill-Pulizija biex jagħmlu iktar solveljanza.

73.3.22 Resident qed jagħmel żewġ talbiet biex isiru linji tal-parking bojod fi Triq il-Mitħna bejn dar 26'Roots' u dar 24. Dan għaliex bħalissa m'hemmx line markings u l-karozzi

qed jaħlu l-ispazju kif jipparkjaw minn karozza għal l-oħra. Jekk jistgħu joqgħodu tlett karozzi qed jaħlu l-ispazju u joqgħodu tnejn biss.

73.3.23 Fuq din it-talba l-Kunsill iddeċieda li għalissa ma jistawx isiru line markings peress li għad hemm kostruzzjoni ta' siti għaddejjin.

73.3.24It-talba l-oħra mingħand l-istess residenti kien biex issir 'give way' fl-art għal min ġej minn Ħ'Attard minn fejn il-Kappella tal-Mirakli fejn hemm dik ir-roundabout iż-żgħira (li kellha l-flaps) fejn ir-razzett qabel ma' ddur għal Triq San Liċinju. Dan għaliex jibqgħu neżlin bl-addoċċ u min ikun ħiereġ minn Triq San Liċinju l-barra ma jatux ċans.

73.3.25Fuq din it-talba ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mal-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia mmorru 'on site' biex jaraw x'jista jsir.

73.3.26 Resident jixtieq jagħmel request lill-Kunsill biex fejn saru l-parking bays fi Triq is-Salvatur quddiem il-gate ta' Salvatur il-qadim minn naħa ta' Triq is-Salvatur jew isiru double yellow lines jew isir kaxxa safra biex ma jagħlqux l-aċċess tal-gate għas-Salvatur il-Qadim għaliex dak il-bieb jintuża ħafna. Quddiem il-gate m'hemm l-ebda kaxxa bajda m'hemmx xejn.

73.3.27Il-Kunsill qabel li din ir-request tigi implimentata.

73.3.28Is-Sindku xtaqet tressaq talba mingħand is-Sur Demajo li issa li għamel garage fi Triq Mikielang Borg jixtieq jagħmel talba biex isiru double yellow lines mal-ġnub ta' dan il-garage.

73.3.29 Il-Kunsill approva din ir-request.

73.3.30Il-Kunsillier Salvu Farrugia jixtieq iressaq talba mingħand residenta li toqgħod no.6 Triq Merino li quddiem il-bieb tagħha qegħdin jipparkjaw il-karozzi b'talli mod li jitellaw fuq il-bankina u jagħlqulha l-aċċess tal-bieb. Għalhekk tixtieq tagħmel request biex isir tip ta' U-bar taħt il-bankina ħalli b'hekk il-karozzi ma jkunux jistgħu jipparkjaw fuq il-parti tal-bankina.

73.3.31Il-Kunsill approva din ir-request li għandha tintbagħat lit-TM għal l-approvazzjoni biex issir din il U-bar fuq il-bankina.

73.3.32 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet ittra biex il-Kunsill jirreġistra għall-iskema WIFIEU. Fil-formola trid titniżel żona fejn il-Kunsill jixtieq jinstalla l-WIFI pubbliku, fejn il-Kunsill diġa għandu u fejn għandu nstallat u jixtieq isaħħu.

73.3.33Il-Kunsill iddeċieda li jagħżel il-ġnien Ċentru Rekreattiv għal din l-iskema.

73.3.34Il-ħin huwa 5.55p.m. u l-laqgħa reġgħet ġiet sospenduta peress li reġa'ġie resident ieħor li l-Kunsill kumbinazzjoni kien ser jitkellem fuq it-talba tiegħu.

73.3.35Dan ir-resident jixtieq jagħmel request lill-Kunsill biex fi Triq Nazju Cortis fejn hemm il-ħajt ta' l-għelieqi ta' Villa Francia fuq il-bankina jittieħed parti żgħira mill-bankina u ssir bil-ħamrija biex fiha tinżergħa pjanta bħar-ritratt anness tip ta' crawler biex isebaħ l-ambjent u ma jibqax jidher l-ħajt ikrah li hemm.

73.3.36Il-Kunsill approva din ir-request billi issir ħamrija u anke bucanvilla tkun tajba.

73.3.37Request ieħor li xtaq jagħmel dan ir-resident huwa li wieħed mill-bollards fin-niżla ta' Triq Agostino Portelli tkisser allura irid jinqala.

73.3.38 Il-Kunsill approva dan ir-request u isir reflective paint fejn hemm il-bollard li baqa u central strip.

73.3.39 Request ieħor mingħand dan ir-resident huwa li fejn hemm iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija kienu nqalu tlett sigriet taċ-ċipress biex titwessa t-triq imma ma ġietx tajba għax ħallew l-stop sign hemmhekk u dan bla ebda raġuni.

73.3.40Din l-stop sign trid titneħħa u jsiru bollards bħal m'hemm iktar l-isfel.

73.3.41Fuq din ir-request is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tgħidilna eżatt kif għandha ssir it-talba lit-TM peress li din hija triq arterjali.

73.3.42Ilment ieħor huwa li fi Triq Nazju Cortis hemm van ITX011 ipparkjat bejn żewġ kaxxex u maqlugħ il-barra mill-bankina.

73.3.43 Din għandha tiġi rraportata lill-Pulizija.

73.3.44 Dan ir-resident xtaq anke jirraporta lill-kenniesa li suppost qed jikinsu darba fil-ġimgħa imma żgur mhux qed isir hekk.

73.3.45Għandna niċċekkjaw fuq dan mal-kuntrattur tal-kenniesa.

73.3.46Il-ħin huwa 6.05p.m., ir-resident telaq mill-kamra tal-Kunsill u l-laqgħa tkompliet.

73.3.47 Is-Segretarju tkellmet fuq meta ser jiġu l-RSSL workers f'Mejju u m'għandnix van biex ikunu jistgħu jixtru li ikun hemm bżonn u jaħdmu.

73.3.48Il-Kunsill qabel li għandu jinkera van għal dan iż-żmien.

73.3.49 Is-Segretarju qalet li l-prezzijiet għoljin biex jinkera van.

73.3.50Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li ilu ftit kienet bagħtet kwotazzjoniijiet li hija ġabet minn fuq il-Malta Park biex jinxtara van.

73.3.51 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar għamlet kuntatt ma' kumpanija li tikri u li l-prezz ikun €13.33 + VAT għal Van Toyota Dowante.

73.3.52Għandna nġiebu dettalji ma min għandna nitkellmu f'Burrmarrad Commercials biex nagħmlu kuntatt magħhom.

73.3.53Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-ispejjes ta' attivita li Sant'Andrija ser tagħmel bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ta' esibizzjoni u tberik ta' żwiemel li ser isir 22 t'April 2018 ser tiswa' €182.94 (€132.16 2 kenniesa 9:00a.m. – 10:30a.m. u 2 pulizija €50.78).

73.3.54 Il-Kunsill approva dawn l-ispejjes.

73.3.55 Attivita' oħra biex jiġi kommemorat il-waqa' ta' Spite Fire ġo Ħal Lija li ser titella' fl-10 ta' Mejju bejn 6:00p.m. – 9:00p.m. ser tiswa €255.54 (€179.36 catering &€76.18 2 pulizija) .

73.3.56Il-Kunsill approva dawn l-ispejjes imma ma qabilix man-numri ta' l-items tar-reception għalhekk ġie deċiż li tiġi riveduta il-lista u jitnaqqsu xi żewġ items.

73.3.57 Spiża oħra hija ta' l-attivita li ser issir f'Ħal Lija rigward iż-żjara tad-Diplomats ġo Ħal Lija.

73.3.58 Ser issir Tour f'diversi land marks tar-raħal u ser issir waqfa għal snack u bevanda mill-każin ta' San Pio X bħas-sena l-oħra li ġiet tiswa €125.00.

73.3.59Il-Kunsill approva din l-ispiza ghal din l-attivita.

73.3.60Is-Segretarju tkellmet biex tiġi deċiża d-data fuq il-Farewell dinner li ser issir għas-Sur Michael Bedignfield.

73.3.61Ġie deċiż li din issir nhar il-Tlieta 24 t'April 2018 fis-7.00p.m. fil-Bistro 516 Valletta Waterfront.

73.3.62 Irridu ninfurmaw lil min ma kienx preżenti għal din il-laqgħa tal-Kunsill.

73.3.63 Il-Kunsill iddiskuta d-data ta' meta ser jiltaqa' l-Kunsill biex jiġu approvati l-Audited Financial Statements biex sat-Tnejn 30 ta' April dawn jiġu ppreżentati lil l-Awditur Ġenerali.

73.3.64Ġie approvat li din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 26 ta' April 2018 fl-4.30p.m.

73.3.65Is-Sindku Magda Magri Naudi tixtieq tressaq request mingħand resident biex jitneħħew id-double yellow lines fi Triq Annibale Preca ħdejn il-Barumbara u jsir parking space.

73.3.66Is-Sindku spjegat fuq traffic management u l-meeting li hija kellha ma rappreżentant tat-TM fejn ġiet diskussa din il-problema.

73.3.67 Hija qalet li jekk TM japprovaw il-'one way' li l-Kunsill ser jirrikwesta lit-TM, parking wieħed jista jiġI kkunsidrat.

73.3.68Għandna tintbagħat e-mail lis-Sur Tommy Debono tat-TM u nistaqsu jekk TM humiex ser japprovaw din il 'one way' qasira ħafna.

73.3.69 Tressaq ilment minn resident fuq PA/02240/18 permess biex isir żvilupp fi Triq is-Salvatur wara s-Salvatur il-Qadim biex il-Kunsill jagħti l-Consultation reply u l-views tiegħu.

73.3.70Il-Kunsill qabel li għandha tinbaghat  il-Consultation reply tiegħu fuq dan l-iżvilupp u nagħmluha bħal l-ittra li diġa ntbagħtet mir-resident li diġa oġġezzjona.

73.3.71Il-Kunsilliera, s-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tressaq talba rigward il-metal bollards li jinsabu quddiem is-sala tal-Mirakli biex jew jittranġaw jekk jistaw jittranġaw jew jinbidlu.

73.3.72Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li jinqalgħu l-bollards eżistenti u jsiru bollards li ikunu jistgħu jinqalgħu u jerġgħu jitpoġġew.

73.3.73Talba oħra mingħand il-Kunsilliera Lorraine Farrugia hija rigward 2 give priority signs biex jitwaħħalu back to back ma' signs eżistenti f'Hal Mann.

73.3.74 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u għalkemm ma qabilx iddeċieda li nagħmlu ir-request lil Transport Malta u filkas din ir-request għandha terġa tiġi diskussa.

73.3.75Saret talba biex jitneħħew two parking spaces fi Triq Robert Mifsud Bonnici qabel ma qeda l-sleeping policeman.

73.3.76 Il-Kunsill ma approvax din ir-request.

73.3.77 Is-Segretarju tkellmet fuq l-Audit li kien għadu kif għadda u nfurmat lill-Kunsill l-outcome fuq l-Audit.

73.3.78 Fost affarijiet oħra hija tkellmet fuq l-over payments li sar miz-zewg kuntratturi.

73.3.79 Hija qalet li iz-zew kun tratturi ammettew l-izball u ser jirritornaw lura il-hlas zejjed li sar.

73.3.80Gie decis  u ikkonfermat mill-Kunsill li ż-żewġ overpayment li saru għandhom jitħallsu lura lill-Kunsill mill-pagamenti ta'kull xahar ghaz-zewg kuntratturi.  Dan fuq parir ta' l-Awdituri

73.3.81Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill li peress li l-Kuntratt ta' l-Accountant ser jagħlaq f'Settembru li ġej trid tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill għal kif ser tinħareġ din it-tender peress li hemm tlett options; jew tinħareġ tender ta' Accountant u Accounts technician separati, Accountant waħidha jew 'in lots' fejn l-istess persuna titfa l-bid tagħha kemm bħala accountant u kemm bħala book keeper.

73.3.82 Il-Kunsill qabel unanimament li din it-tender tinħareġ in lots.

73.3.83 Is-Segretarju reġgħet fakkret lill-Kunsill.  Kif kienet diġa avżat,  li l-MEPA qalulna li mhux ser jingħataw fondi mill-UIF sakemm il-Kunsill ma jirranġax il-problemi kollha li hemm fil-ġnien fejn għandhom x'jaqsmu fuq 'safety' u fl-istess ħin ġejna nfurmati li jekk il-Kunsill irid nistennew sa Mejju biex naraw kif l-affarijiet ser jiżvolġu.

73.3.84Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk nistennew sa dak iż-żmien jew naħsbux fuq xi proġetti oħra li jixtieq jattwa.

73.3.85Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq jekk isirux xi żewġ sqaqien żgħar jew jinxtrawx ornamental lanterns fejn hemm bżonn.

73.3.86Huma qalu li l-isqaqien jiġu għoljin imma nistgħu nagħmlu proġett tad-dwal l-ewwel fl-isqaqien u forsi anke tal-ġnien.

73.3.87Is-Segretarju nfurmat li l-MEPA infurmawna li l-lampi jridu jkunu bilfors light polution.

73.3.88Il-Kunsill qabel li għandna nibdew naħsbu fuq il-proġett tal-fanali.

73.3.89Ġie ssuġerit li għandna nfittxu d-ditta 'fumagalli' u jsiru fuq l-istess stil, stil antik.

73.3.90Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tat *update of l-Erasmus Project* fejn infurmat li qeda fil-process li taqtgħa l-biljetti ta' l-ajru ta' l-APV meeting li ser isir bejn it-28 ta' Ġunju sa l ta' Lulju 2018.

73.3.91Sa dan it-tant qed tiġbor in-nies biex jieħdu semm f'dan il-proġett.

73.3.92 Is-Segretarju ppreżentat lista tal-Planning Authority applications fuq il-mejda tal-Kunsill biex il-Kunsill jara jekk iridx li jsiru xi rakkomadandazzjonijiet.

73.3.93Fuq PA02519/18 site fi Triq Sir Ugo Mifsud ġie deċiż mill-Kunsill li għandna nistaqsu lill-Perit biex naraw jekk hemmx permessi meħtieġa u jekk il-bini hux ser jiġi 'retracted'.

73.3.94Fuq PA/02481/18 sit fi Triq Annibale Preca, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

73.3.95 Fuq PA/2794/18 sit fi Triq Enejja, il-Kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu lill-Perit biex jiġi iċċekkjat li hemm il-permessi neċessarji anke rigward l-istess għoli.

73.3.96 Fuq PA/03133/18 fuq sit fi Triq Is-Salvatur, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

73.3.97 Fuq PA/03213/18 sit fi Block C Triq Daniel Sammut, is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ser tiċċekkja fuq dan.

73.3.98 Fuq PA/03210/18 sit fi Triq Egidio Lapira, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

73.3.99 Il-Kunsill ra li għandha tidaħħal iktar informazzjoni fuq dawn il-listi li qed jiġu ppreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill bħal min qed japplika u min hu l-Perit.

## 73.4 PREPARAZZJONI FUQ JUM ĦAL LIJA

73.4.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill biex jaħsbu fuq lil min ser nagħtu Ġieħ Ħal Lija din is-sena.

73.4.2 Hija infurmat lill-Kunsill li sal-laqgħa li jmiss għandhom iġibu l-ismijiet ta' min jaħsbu li għandu jingħata dan il-ġieħ u anke għandna nghidu lill-għaqdiet biex irressqu huma ukoll l-ismijiet tagħhom.

73.4.3 Ġie deċiż li lil l-għaqdiet għandna ngħidulhom biex iressqu lill min jixtiequ li jinghata Gieh Hal Lija imma mhux bilfors ser jintagħżel lil min ikunu innominaw huma.

73.4.4 Bħala programm ġie deċiż li jista jsir bħal tas-sena l-oħra għax kien suċċess.

73.4.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha taħdem fuq din l-attivita'.

## 73.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

73.5.1 Twegibiet u mistoqsijiet tal-kunsilliera ma kienx hemm.

## 73.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U L-PETTY CASH

73.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u l-Petty Cash.

73.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku is-Sinjorina Stephanie Cutajar sekontata mill-Minority Leader is-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-pagamenti għax-xahar ta' April u l-iskeda tal-petty cash ġew approvati unanimament.

## 73.7 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

73.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.27p.m.u ġiet aġġornata għal laqgħa li ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' April 2018,fil-4.30pm.

73.7.2 Dati għall-laqgħat għax-xahar ta' Mejju hija il-Ħamis 3 ta' Mejju 2018 fil-5:00p.m. u ta' Ġunju 2018 it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018 fil-5:00p.m.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |